MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 18/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Teddy Mercieca ta' 54 sena bion Carmel u Mary nee' Harber, imwieled Victoria nhar il-05 ta' Lulju 1958, residenti fil-fond 53/54, Triq San Gorg, Rabat, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 33858(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Teddy Mercieca li gie akkuzat talli fil-15 ta' Frar 2008 ghall-habta tal-hdax ta' fil-ghodu u fix-xhur ta' qabel, fil-fond 53/54, Triq San Gorg, Rabat, Ghawdex:

1. Zamm lil xi ghasfur, kemm haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti

taht ir-regolamenti ta’l-2006 dwar il-konservazzjoni ta’l-Ghasafar Selvaggi u cioe’ Tellerita Burhinus oedicnemus; zewg Bliebel Calandrella brachydactyla u Zakak Abjad Motacilla alba, bi ksur ta’ disposizzjonijiet tar-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni ta’l-Ghasafar Selvaggi, meta dak l-ghasfur ma kienx iddikjarat u registrat mal-Awtorita Kompetenti sal-31 ta’ Mejju 2003 u minghajr ma kellu l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita’ Kompetenti sabiex izzomm dak l-ghasfur (regolament 4(1)(e) ta’l-A.L. 79 ta’l-2006 hekk kif emendat;

2. Zamm lil xi ghasfur, kemm haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta’ dawn ir-regolamenti u cioe’ Tellerita Burhinus oedicnemus; zewg Bliebel Calandrella brachydactyla u Zakak Abjad Motacilla alba, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta’l-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta’ dak l-Istat membru l-iehor u dan l-ghasfur kien migjub f’Malta wara l-1 ta’ Mejju 2004 (regolament 4(1)(f) ta’l-A.L.79 ta’l-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-investigazzjonijiet tal-pulizija fuq dana l-kaz skattaw wara informazzjoni anonima illi fir-residenza tal-imputat kien qed jinzamm xi tajr imharsa bil-ligi. Ghalhekk il-pulizija accedew fuq il-post flimkien ma’ ufficjal mill-Awtorita tal-Ambjent u l-Ippjanar, u cioe’ Stanley Gatt, sabiex jinvestigaw din l-allegazzjoni. Fil-fatt mill-ispezzjoni li saret fir-residenza tal-imputat gewwa Triq San Gorg, ir-Rabat, Ghawdex instabu erba’ ghasafar hajjin imharsa bil-ligi konsistenti f‘zakak abjad, zewgt ibliebel u tellerita. Dawn kienu qeghdin gewwa guva fuq il-bejt. Dawn l-ghasafar gew elevati mill-pulizija, izda waqt it-trasport

taghhom, iz-zakak abjad harab u tar. Mill-istharrig li sar fuq il-post irrizulta illi dawn l-ghasafar ma kinux lebsin curkett u kwindi l-pussess taghhom ma kienx wiehed legittimu.

Illi fuq talba tad-difiza gie nominat espert sabiex jezamina l-guva fejn instabu dawn l-ghasafar u jistabilixxi jekk il-guva hijiex antika u jekk sarux xi alterazzjonijiet fiha, kif ukoll jekk hija kellhiex toqba go fiha jew jekk kienx hemm xi toqba jew toqob li jidhru li nghalqu recentement. Illi fir-rapport tieghu, l-espert Robert Azzopardi  jindika illi l-guva hija wahda antika hafna. Dan ikkonstatah mill-injam taghha li huwa qadim u qed jitmermer. Il-wiring ukoll kien jidher li huwa antik. Ikkonkluda illi l-ebda alterazzjonijiet ma kienu saru lill-istess guva. Ighid illi ma kienx jidher illi l-guva kien fiha xi toqba, jew inkella li kellha xi toqba jew toqob li nghalqu. Ighid illi l-uniku access ghal guva huwa minn tarag tal-hadid li jaghti ghal fuq il-bejt ghal hdejn il-guva.[1]

Illi meta l-imputat jixhed jistqarr illi huwa ilu jghix fil-fond in kwistjoni sa minn twelidu. Huwa jghix f'dan il-fond mal-genituri tieghu, izda llum missieru miet. Ighid illi illi z-zewgt ibliebel kienu ta' missieru u kien gabhom meta kienu ghadhom frieh. Kienu nstabu fl-ghalqa taghhom u missieru kien gabarhom minflok halliehom jitghaffgu bil-mohriet. Dan gara madwar tlettax-il sena ilu. Rigward it-tellerita jghid illi dina kien gabha wkoll missieru minn San Lawrenz fejn kien sabha fit-triq barra waqt li kien miexi. Imbaghad finalment rigward iz-zakar l-abjad, ighid illi dan b'kumbinazzjoni nizel fuq il-bejt taghhom, meta missieru kien tela' biex jaghlef l-ghasafar, dahal fil-guva u baqa hemmhekk. Ghalhekk isostni illi dawn l-ghasafar huma ta' missieru u mhux tieghu. Jikkontendi illi meta l-pulizija kienu ghamlu l-ispezzjoni fid-dar taghhom, missieru kien ghadu haj. Jichad illi l-guva fiha xi toqob. Jichad illi huwa kien ammetta mal-pulizija jew ma' Stanley Gatt illi dawn l-ghasafar kienu tieghu. In kontro-ezami jammetti illi huwa

[1] Ara xhieda u rapport a fols. 26 et.seq.

ghandu d-delizju tal-insib u ilu b'dan id-delizju ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena.[2]

Illi l-imputat iressaq ukoll bhala xhud lil Moira Mejlak, li hija n-neputija tieghu. Din tikkorrobora dak li jghid l-imputat u cioe' illi l-ghasafar mertu ta' din il-kawza kien qabadhom in-nannu taghha u cioe' missier l-imputat. Tghid ukoll illi kien missier l-imputat li kien jiehu hsiebhom, izda mbaghad meta n-nannu taghha marad u ma felahx jitla' iktar fuq il-bejt, kien beda jiehu hsiebhom l-imputat.[3]

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi f'guva li kienet tinsab gewwa r-residenza 53/54, Triq San Gorg, Rabat, Ghawdex kien hemm erba' ghasafar li huma mharsa bil-ligi u cioe' permezz tal-legislazzjoni Sussidjarja 504.71. Huwa fatt mhux ikkontestat illi dawn l-ghasafar kienu dawk maghrufa bl-isem popolari ta' tellerita, zakak abjad u bliebel. L-imputat ma jidhirx illi qed jikkontesta dana l-fatt. Lanqas ma jidher illi qed jigi ikkontestat l-fatt illi dawn l-ghasafar ma kinux gew irregistrati mal-Awtorita kompetenti u li dawn ma kinux ghasafar *captive bred*. Ghalhekk ma hemmx dubbju illi dawn l-ghasafar kienu qed jigu mizmuma kontra l-ligi. Dana johrog car mix-xhieda tal-imputat stess meta jiddeskrivi l-mod kif dawn l-ghasafar inqabdu u spiccaw fil-guva tad-dar tieghu. Ighid madanakollu illi dawn l-ghasfar ma humiex tieghu, izda ta' missieru Carmel Mercieca, illum mejjet. Fil-fatt huwa jiddeskrivi l-mod kif l-ghasafar inqabdu minn missieru. Iressaq bhala xhud lin-neputija tieghu Moira Mejlak li tikkonferma dak li jghid. Il-Prosekuzzjoni targumenta illi l-imputat kien ammetta *a tempo vergine* maghhom illi dawn l-ghasafar kienu tieghu ghalkemm dak in-nhar missieru kien ghadu haj. Dak in-nhar huwa fl-ebda hin ma indika illi dawn l-ghasfar kienu ta' missieru u mhux tieghu. Mix-xhieda ta' Stanley Gatt jidher illi l-imputat ta verzjoni differenti minn dik li jaghti fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti. Jikkontendi illi l-ghasafar kienu ilhom ghandu zmien

[2] Ara xhieda ta'l-imputat a fol.22
[3] Ara xhieda ta' Moira Mejlak a fol.32 u 33

twil, il-bliebel ghall-ahhar tlettax-il sena, it-tellerita ghall-ahhar seba’ snin u jghidilhom illi z-zakak l-abjad dahal wahdu fil-guva minn toqba li kellha l-istess guva. Inoltre gie osservat illi meta l-imputat gie mitlub jaqbad l-ghasafar, huwa ma kellu l-ebda difikulta biex jaghmel dan.

Illi fl-okkorenza li saret mill-PS1377 Emanuel Cilia dina l-verzjoni li ta l-imputat *a tempo vergine* ma hijiex imnizzla u l-istess rapport qatt ma gie ikkonfermat mis-surgent li hejjieh.

Illi ghalkemm dina l-Qorti hija xettika hafna dwar il-verzjoni li jaghtiha l-imputat meta jixhed, madanakollu hija ma ghandha l-ebda prova ohra fl-atti ghar-rigward tal-proprjeta tal-istess ghasafar ghajr ghal dak li jghid l-imputat f’dina x-xhieda. Dana qed jinghad ghaliex il-Qorti ma tistax tqis bhala prova dak mistqarr mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur u lil Stanley Gatt meta saret l-ispezzjoni fir-residenza tieghu u dana ghas-segwenti ragunijiet. Ibda biex ma hemm l-ebda indikazzjoni fl-atti illi qabel ma gie mitkellem, l-imputat inghata xi forma ta’ twissija skond il-ligi li seta’ jaghzel li ma jitkellimx u li dak li kien ser ighid seta’ jingieb bhala prova kontra tieghu fil-Qorti. Ma jidhirx illi ttiehdet xi stqarrija formali ghaliex din ma hijiex esebita fl-atti u l-Ufficjal Prosekutur, ghalkemm fix-xhieda tieghu jghid li kellem lill-imputat, madanakollu, ma jsemmix illi kien hadlu xi stqarrija. Illi fi kwalunkwe kaz, anke jekk ghal grazzja tal-argument, dina l-Qorti kellha tqis illi t-twissija nghatat, ma jidhirx illi l-imputat inghata zmien jikkonsulta ruhu ma’ avukat qabel kellem lill-pulizija. Dana ma setax isir ghaliex il-ligi vigenti f’dak iz-zmien, u cioe’ fi Frar tas-sena 2008, ma kinitx taghti d-dritt lill-imputat jaghmel dan. Illi ghalhekk il-konfessjoni maghmula mill-imputat saret bi vjolazzjoni ta’ drittijiet fondamentali tieghu ghal smigh xieraq u dana kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni taghna kif ukoll fl-artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dana qed jinghad in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fl-ismijiet il-

Pulizija vs Alvin Privitera, Il-Pulizija vs Mark Lombardi u Il-Pulizija vs Esron Pullicino[4].

Illi ghalhekk maghmula dina l-konstatazzjoni, u skartata dina l-prova, ma jifdal l-ebda prova ohra in atti li tista torbot lill-imputat mat-tajr protett li nstab fir-residenza tieghu. Illi f'dina r-residenza ma jghix wahdu l-imputat, izda fiz-zmien meta sehh dana l-kaz kienu jghixu mieghu l-genituri tieghu ukoll. Illi l-imputat, kif diga nghad, jikkontendi illi dawn l-ghasafar kienu ta' missieru u mhux tieghu u hu kien beda jiehu hsiebhom biss meta missieru marad u ma kienx jiflah iktar jitla' fuq il-bejt jaghlifhom. Illi ghalkemm il-Qorti, kif diga nghad, ghandha d-dubbji taghha dwar kemm hija verosimili dina l-verzjoni, madanakollu dana d-dubbju jimmilita favur l-imputat. Inoltre ma hemm l-ebda prova ohra fl-atti li tipponta subajgha lejn l-imputat.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' provi, il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Finalment ghalkemm l-imputat qed jigi illiberat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, billi t-tajr esebit bhala Dokument SG2 huwa tajr protett bis-sahha tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 u kwindi z-zamma u l-pussess taghhom hija wahda illegali, il-Qorti qed tordna l-konfiska taghhom favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Sentenzi decizi fil-11/04/2011 u 12/04/2011 rispettivament.